L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

# IL-KNISJA KOLLEĠĠJATA TAN-NAXXAR
# SEJĦA GĦALL-OFFERTI

Is-Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta jilqa' offerti biex jiġi installat u ttestjat id-dawl ta' barra u *lighting control system* għall-Knisja Kolleġġjata tan-Naxxar, u l-pavimentar mill-ġdid taz-zuntier.

Dawk interessati jistgħu jiksbu iżjed informazzjoni bil-miktub permezz tal-email naxxar.tender@maltadiocese.org sa mhux aktar tard mit-Tnejn 11 ta' Marzu 2024, fil-11:00am.

Is-sottomissjonijiet għandhom jiġu ppreżentati personalment fil-Kurja tal-Arċisqof, Pjazza San Kalċedonju, il-Furjana FRN 1535, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am u l-5:00pm, permezz ta' envelope ssiġillat u mmarkat ċar "Naxxar Tender" sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2024 fil-11:00am. Se tiġi pprovduta kaxxa apposta għal dan il-għan. **Il-proposti milqugħa f'din il-kaxxa biss jiġu kkunsidrati.** Eventwalment l-offerenti jiġu infurmati bil-miktub jekk il-proposta tagħhom ġietx magħżula jew le.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata kwalunkwe proposta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

knisja.mt